**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 341/2022 (NC) GG**

**Avukat Dr. Pio M. Valletta**

**vs.**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**

Illum, 26 ta' Settembru, 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-Avukat Dottor Pio M. Valletta tal-20 t'April 2022 li bih ghamel is-segwenti premessi u talbiet:

Illi dan huwa rikors ta' ritassa li qed jigi propost u imressaq a termini tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent assista u ppatrocina lill-awtorita estera Executive Authority for Air Cargo and Special Flights maghrufa wkoll bhala Executive Authority for Special Flights f'kawza quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet: "Dr. AM Hassan Elshanti nomine vs

Shaker Ownn nominee" [Rikors Guramentat Numru: 698/2015 FDP].

Illi l-awtorita estera Executive Authority for Special Flights giet imharrka mill-kumpannija estera United Aviation Company sabiex l-Onorabbli Prim' Awla tiddikjara li din ta' l-ahhar hija l-proprjetarja esklussiva ta' zewg ingenji tal-ajru ossija ajruplani bin-numri ta' registrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Global 5000 bin-numru tas-serje MSN9285 u 5A-UAC tal-marka Bombardier Global 5000, bin-numru tas-serje MSN 9257, liema ajruplani jinsabu Malta.

Illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' sentenza moghtija fil-25 ta' Settembru, 2020 ddikjarat fost ohrajn illi l-kumpannija rikorrenti United Aviation Company hija proprjetarja esklussiva taz-zewg ingenji tal-ajru ossija ajruplan bin-numru ta' registrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Global 5000 u bin-numru tas-serje MSN9285 u ajruplan bin-numru ta' registrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Global 5000, bin-numru tas-serje MSN 9257, liema ajruplani jinsabu Malta.

Illi din is-sentenza ma gietx appellata u hija ormai finali.

*Illi, fuq talba tal-esponenti, fil-21 ta' Marzu, 2022 l-intimat Registratur tl-Qrati Civili u Tribunali hadem u irrilaxxa t-taxxa tal-ispejjez u drittijiet li kopja taghha qeghad tigi hawn unita u mmarkata bhala Dokument A. Minn din it-taxxa jirrizulta illi d-dritt dovut lill-Avukat wara s-sentenza jammonta ghal tlett mija tmienja u erbghin Euro (€348).*

Illi ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'izjed dettal f'dan ir-rikors, l-esponent jikkontendi illi d-dritt indikat fit-taxxa ma jirriflettix id-dritt dovut skond il-ligi u huwa fil-fatt ferm izjed baxx milli kellu jkun.

Illi ghalhekk l-esponent jixtieq jattaka t-taxxa mahruga fil-21 ta' Marzu, 2022.

Illi t-talba tal-esponent sabiex l-imsemmija taxxa tigi ritassata hija msejsa fuq dawn l-argumenti ewlenin:

1. Id-dritt tal-esponent rikorrent ma kellux jigi ntaxxat fuq bazi ta' "punt ta' dritt" kif jidher li sar. Id-distinzjoni bejn "punt ta' fatt" u "punt ta' dritt" tigi determinata mill-motivazzjoni u r-ragunijiet moghtija fis-sentenza. Qari akkurat tas-sentenza juri li l-Onorabbli Prim' Awla ma applikat l-ebda principju ta' ligi. Sempliciment iddecidiet li l-ajruplani oggett u mertu tal-kawza kienu proprjeta ta' wiehed mill-kontendenti u mhux ta' l-iehor u dan ghab-bazi ta' fatt guridiku determinat. Ma hemm ebda kwalifika guridika tal-fatt accertat ossija t-titolu u l-proprjeta tal-ajruplani. Fil-kaz fejn l-Qorti qeghda tiddeciedi punt ta' fatt bhala ma huwa l-kaz odjern, il-Qorti tiddeciedi dwar kwistjoni ta' fatt (*quaestio facti*), kwistjoni li hija rikonducibbli ghad-determinazjoni tal-fatt ossija fil-kaz in speci l-individwazzjoni konkreta tat-titolu u tal-proprjeta tal-ajruplani permezz ta' attivita konoxxitiva fondata fuq provi u elementi ta' prova li jistabilixxi l-vera proprjetarju tal-ajruplani. Il-motivazzjoni tal-Onorabbli Prim' Awla tikkonsisti fi procedura argumentativa volta sabiex tikkonvinci fuq il-bazi tal-provi rakkolti t-titlolu fl-ajruplani u l-proprjeta tal-istess ajruplani. L-Onorabbli Prim' Awla ma tat ebda motivazzjoni ta' dritt volta sabiex tiggustifika t-titolu fl-ajruplani u l-proprjeta tal-ajruplani, ghab-bazi ta' xi norma guridika jew ghab-bazi ta' interpretazzjoni ta' xi norma guridika.

Isegwi ghalhekk, f'umli opinjoni tal-esponent, li ninsabu rinfaccjati b'sitwazzjoni fejn il-valur tal-kawza ma huwiex cert jew likwidu u ghalhekk ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skond il-paragrafu 3 ta' lis-Skeda A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'tali kaz il-valur tat-talba jigi intaxxatr skond ir-regoli li huma mfissra fil-paragrafu 4 ta' l-imsemmija Skeda A. Sub-inciz (e) tal-paragrafu 4 ta' Skeda A jipprovdi li "*f'kawzi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt ta' proprjeta jew fuq il-proprjeta kontra persuna ohra,* [ezattament dak li intalab mill-kumpannija United Aviation Company fil-kawza Rikors Guramentat Numru: 698/2015 FDP] *huwa ghandu jissottometti dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit d-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi intaxxat ikun id-dritt dikjarat mill-attur*".

Minn ezami tar-rikors guramentat tal-kumpannija attrici United Aviation Limited fil-kawza promossa permezz tar-Rikors Guramentat Numru: 698/2015 FDP johrog bic-car li l-imsemmija kumpannija attrici United Aviation Limited issottomettiet d-dikjarazzjoni mahlufa imsemmija f'sub-inciz (e) tal-paragrafu 4 ta'

Skeda A u dan permezz ta' dokumenti uniti mar-rikors guramentat senjatament il-kopji tal-mandat ta' arrest ta' ingenji tal-ajru bin-numri 1043/15 u 1044/15 [Dokumenti mmarkati "A1" u "A2" mar-rikors guarmentat]. Fl-imsemmija Mandati ta' Arrest hemm dikjarat u mahluf l-ammont approssimattiv ta' kull wiehed miz-zewg ajruplani li t-titolu l-proprjeta taghhom kien oggett u mertu tal-kawza promossa u sussgewenetment deciza.

Ghaldaqstant ir-rikorrent esponent a termini tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghogobha:

(i) thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet fil-kawza fl-ismijiet: Dr. AM Hassan Elshanti nominee vs Shaker Own nomine [Rikors Guramentat Numru: 698/2015 FDP] rilaxxata fil-21 ta' Marzu, 2022 [Dokument A anness ma' dan ir-Rikors]; u

(ii) tordna li l-istess taxxa tinhadem mill-gdid ghab-bazi tal-ammonti dikjarati u mahlufa mill-kumpannija United Aviation Company fil-mandati ta' arrest ta' ingenji tal-ajru numri 1043/15 u 1044/15;

u dan salv kull direzzjoni u/jew provvediment li dina l-Onorabbli Qorti joghogobha taghti.

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali li biha wiegbet:

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-partecipazzjoni tal-partijiet kollha involuti fil-kawza mertu tar-ritassa hija sine qua non u in ogni kaz l-artikolu 64 tal-Kap 12 ighid illi "(2) ir-rikorrent ghandu jara li kopja tar-rikors tigi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbaghad ikollu ghoxrin jum li matulhom ikun jista' jipprezenta risposta".

2. Ill ghalhekk huwa car li dan I-artikolu jitkellem fuq il-htiega li kopja tar-rikors (ta' ritassa) jigi 'notifikat' lil kull min hu interessat u ikompli jghid illi tali parti interessata ghandha 'ghoxrin jum biex tirrispondi'. Dawn I-ahhar kliem ma jhallu ebda ombra ta'

dubbju illi meta l-legislatur nissel il-kliem ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-partijiet kollha interessati dan ifisser li tali rikors ghandu jigi 'dirett' lejn il-partijiet kollha interessati ossia l-kawza trid issir kontra kull min hu interessat f'dik it-taxxa, ghaliex minn jista jirrispondi ghal rikors jekk mhux parti? Dan il-bran juri bic-car li hemm il-htiega li l-partijiet kollha interessati fit-taxxa li tkun qieghda tigi attakkata iridu jkunu partijiet fil-kawza u dan sabiex ikunu jistghu jipprezentaw risposta u jiddefendu lilhom infushom.

3. Illi ghalhekk huwa car illi din I-eccezzjoni tal-esponenti ghandha mis-sewwa u ghandha tigi milqugha. In fatti I-esponenti jghamel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti Civili Prim' Awla per Onor. Imhallef Anthony Ellul tas-17 ta' Marzu, 2014 (rikors numru. 1053/2013) fl-ismijiet I-Arkitett Raymond Vassallo u mart Mariella Vassallo vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali fejn il-Qorti laqghet eccezzjoni identika ghal din odjerna u cioe' illi l-azzjoni kienet wahda monka ghaliex ma saritx kontra kull min ghandu nteress u l-Qorti qalet hekk in rigward:

"Peress li fit-taxxa tar-registratur hemm ukoll id-dritt tal-avukat u prokuratur legali li kienu qeghdin jirraprezentaw lil Windsor Holdings Limited fil-proceduri, dawn kellhom jigu mharrkin peress li bla dubju ghandhom interess" u ddecidiet illi "Tilqa' I-ewwel eccezzjoni tar-Registratur fis-Sens li r rikorrenti kellhom iharrku bhala intimati lill avukat u prokuratur legali ta’ Windsor Holdings Limited

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din hija kawza ta' ritassa ai termini tal- Art 64 tal-Kap. 12 maghmula mill-attur tal-kawza bin-numru 698/15 FDP fl- ismijiet Dr Ali Hassan El Shanti nomine vs Shaker Own nominee u l-eccipjenti jissottometti illi t-talbiet attrici odjerni huma fondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti inter alia minhabba dawn ir-ragunijiet:

5. Illi I-esponenti jibda billi jaghmel referenza ghal-lanjanza tar-rikorrent fejn qed jilmenta li I-kawza kellha tigi ntaxxata fuq il-valur skont il-paragrafu 4 (e) tal-Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li I-valur tal-kawza mhux cert jew likwidu u f'dan il-

kuntest jigi rilevat illi para 4 (e) tat-Tariffa A jirregola l-mod ta' kif ghandha tigi ntaxxata l-kawza b'riferenza ghad-dritt tar-registru u mhux d-dritt dovut lil avukat.

6. Illi l-kawza li taghha qed tigi attakkata t-taxxa ufficjali taghha kienet wahda dikjaratorja biss u ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta attrici ghall-fini tad-dritt tal-avukat ma jinkwadrawx li jigu ntaxxati skont paragrafu 13 (ad valorem) tat-Tariffa E tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta imma skont para 15 (a) tat-Tariffa A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi in oltre fil-kawza surreferita kien sar ftehim bejn il-partijiet li kien wassal biex is-socjeta intimata tirtira l-eccezzjonijiet taghha u ghaldaqstant l-pussess tal-ajruplani kien se jibqa' fidejn is-socjeta attrici.

8. Illi mis-suespost jemergi illi l-esponenti kien korrett meta, ghal finijiet ta' intaxxar tad-dritt dovut lil avukat inhadem fuq bazi ta' punt ta' dritt.

9. Illi dan kollu jwassal ghal konkluzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir- rikors promotur tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

10. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Gunju, 2023 li bih cahdet it-talba ta Dr. John Refalo li jkunu imsejjha fil-kawza il-partijiet kollha interessati, senjatament il-partijiet fil-kawza mertu tal-azzjoni ta' ritassa, l-avukati li ppatroncinaw il-partijiet u il-prokuraturi legali kollha li kienu inkarigati;

Semghet ix-xhieda;

Rat  l-atti allegati **Rikors 698/2015 FDP** fl-ismijiet Dr. AM Hassan ElShanti [Passaport Libjan Numru - C2G39NK9] in rappreżentanza ta' United Aviation Company SpA, magħrufa wkoll bħala United Aviation Company, soċjeta' estera reġistrata ġewwa l-Libja u li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni numru 65991, u bl-indirizz Mittiga International Airport, PO Box 91637, Tripoli Vs Shaker Own, li b'digriet ta' l-1 ta' Lulju 2015 ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lil kumpanija ossia Awtorita' estera Executive Authority for Air Cargo and Special Flights magħrufa wkoll bħala Executive Authority for Special Flight deciz fil-25 ta' Settembru, 2020;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**1.** Illi din hija azzjoni ta' ritassa proposta fit-termini tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta li biha r-rikorrent qed jitlob li d-dritt tieghu jkun intaxxat fuq punt ta' fatt minflok kif intaxxat fit-taxxa ufficcjali bhala punt ta' dritt. Ir-rikorrenti jikkontendi li l-kompitu tal-Qorti li ddecidiet il-kawza fuq indikata kien jikkonsisti f'determinazzjoni dwar lil minn jappartjenu iz-zewg ajruplani in kwistjoni, jigifieri f'kompitu dikjaratorju bazat fuq "fatt guridiku determinat";

**2.** Illi r-Registratur intimat wiegeb b'eccezzjoni ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu billi allega li l-procedura odjerna hija monka stante li kellhom jitharrku l-partijiet kollha interessati kif ukoll li t-taxxa kienet mahduma korrettament fuq punt ta' dritt. Ir-Registratur intimat jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Arkitett Raymond Vassallo u martu Mariella Vassallo vs Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Rik 1053/2013) deciza fis-17 ta' Marzu, 2013 li fiha kien deciz li "*peress li fit-taxxa tar-registratur hemm ukoll id-dritt tal-avukat u prokuratur legali li kienu qeghdin jirraprezentaw lil Windsor Holdings Limited fil-proceduri, dawn kellhom jigu mharrkin peress li bla dubju ghandhom interess*";

**3.** L-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta, jipprovdi testwalment:

> 64. (1) L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment notifikat bit-taxxa b'att gudizzjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika.
>
> (2) Ir-rikorrent ghandu jara li kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbaghad ikollu ghoxrin jum li matulhom ikun jista' jipprezenta risposta.
>
> (3) Il-proceduri bil-miktub li ghandhom x'jaqsmu mar-rikors ghandhom jitqiesu maghluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din

ma ssirx, meta jaghlaq iz-zmien moghti ghaliha. Il-partijiet ghandhom jigu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.

**4.** Issa, fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti *qua* avukat tal-kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi tas-socjeta' intimata, jallega li d-dritt tieghu kien intaxxat hazin u kellu jkun ghola minn dak fil-fatt intaxxat. B'referenza ghas-sentenza li r-Registratur ccitat, bil-ghan, naturlament li din il-Qorti tadotta l-istess konkluzzjoni, irid jinghad illi f'dik il-kawza, ir-rikorrenti adew lil-Qorti b'talba ta' ritassa bil-ghan li din tkun ridotta ghaliex it-taxxa kellha tkun bazata fuq punt ta' dritt u mhux kif inharget, jigifieri *ad valorem*. Fis-sentenza taghha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni tar-Registratur u ddikjarat li stante li bla dubju l-avukat u l-prokuratur legali tal-kontro-parti kellhom interess allura kellhom jkunu mharrkin. Minn dan l-insenjament jemergi illi mhux kull min kien partecipi f'kawza ghandu jkun mharrek fil-kawza ta' ritassa u li ghalhekk dan l-obbligu huwa ridott ghal kull minn ghandu interess, ossia kull min ser ikun affettwat bl-ezitu. B'hekk il-kelma "interess" ghandha tassumi tifsira ristretta altrimenti il-konsegwenza tkun li kawza tista' tiggenera kawza ohra f'cirkostanzi fejn mhux kullhadd ghandu "interess" fiha jew f'sitwazzjoni fejn avukat irid bilfors iharrek lill-klijent tieghu ghaliex kien wiehed mill-partijiet fil-kawza originali;

**5.** Din il-Qorti taqbel mas-sentenza citata fis-sens illi ghalkemm l-artikolu 64 jitkellem b'mod li jindika li fi proceduri bhala dawn ikun

notifikat kull min ghandu interess u mhux mharrek kull min ikollu interess, stante li l-gudikat ser ikollu effett fuq il-parti l-ohra. Fil-kaz odjern, l-aspettattiva tal-avukat difensur tal-intimat fil-kawza deciza hi li jizdied il-valur tad-dritt tieghu. Sabiex ikun deciz jekk hemmx parti ohra li jista' jkollha interess, f'dan il-kaz, l-avukat tal-kontro-parti jew il-parti nnifisha f'kaz li tkun kundannata thallas l-ispejjez tal-avukat tal-kontro-parti, jehtieg li ssir referenza ghad-decide fil-kawza originali. Fis-sentenza ghar-Rikors 698/2015 FDP l-Qorti ddecidiet li l-ispejjez tal-procedura jkunu a kariku ta' l-intimati in solidum bejnithom. Il-kontro-parti ghalhekk, u wisq anqas l-avukat difensur taghha u l-prokuratur legali ma huma ser jarrekaw ebda telf f'kaz li r-rikors odjern ikun deciz favur ir-rikorrent. Wara kollox ma urew l-ebda interess meta debitament notifikati bir-rikors promutur kif jitlob l-artikolu 64;

**6. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-eccezzjoni tar-Registratur ser tkun respinta**;

**7.** Kwantu l-mertu, rat l-affidavit tal-avukat Dottor Pio M. Valletta u semghet ix-xiehda tal-assistant Registratur Qrati Civili u Tribunali u rat is-sentenza Rikors numru 698/2015 FDP prolatata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u kkunsidat illi fid-decizzjoni taghha l-Qorti ma kienitx mitluba tikkonsidra punti ta' dritt u ma xtarret jew kkunsidrat ebda punt ta' dritt tant illi sejset id-decizjoni taghha fuq ftehim milfuq fil-mori bejn il-partijiet senjatament fejn l-awtorita' intimata kkonfermat li l-ajruplani in kwistjoni jappartjenu lir-rikorrent f'dik il-kawza: *"Jirrizulta illi, abbazi ta' tali ftehim datat 16 ta' Novembru, 2016, kif ukoll abbazi tal-fatt illi l-awtorita' intimata rtirat*

*l-eccezzjonijiet kollha u ma ressqet ebda eccezzjonijiet ohra, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex tipprocedi biex tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, kif dedotti.".* ghalhekk l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq ezami ta' fatt mhux kontestat;

**8.** Illi madanakollu, l-Qorti issa trid tiddisponi mill-eccezzjoni tar-Registratur fil-mertu meta jghid illi " l-para 4 (e) tat-Tariffa A jirregola l-mod ta' kif ghandha tigi ntaxxata l-kawza b'riferenza ghad-dritt tar-registru u mhux id-dritt dovut lil avukat". U hawnhekk ghandu ragun ir-Registratur ghaliex fit-talba tieghu r-rikorrenti qed jistenna lil din il-Qorti tordna li tinhadem it-taxxa mill-gdid a bazi tat-Tariffa A li tinsab fl-Iskeda A, para 4(e) liema Skeda tirreferi ghad-drittijiet li ghanhdom jithallasu lir-registru u mhux lill-avukati liema drittijiet huma regolati bit-Tariffa E tal-istess Skeda;

**Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tichad l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur intimat, tilqa' t-tieni eccezzjoni tieghu u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

____________________________

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

____________________________

**Nicole Cini**
**Ghad-Deputat Reġistratur**